**QORTI CIVILI PRIM` AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 10 ta` Dicembru 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 469/2017 JZM**

**Michael Angelo Fenech (K.I. 440647M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Mejju 2017 li jaqra hekk :–

*Illi l-esponenti huwa direttur u beneficial owner tas-socjeta` Lub Oil Manufacturers Co Ltd bin-numru ta` registrazzjoni C 9305 registrata fl-indirizz 1, Marina Alley No. 3, Kalkara, Malta.*

*Illi ai termini tal-artikolu 325 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimat baghat ittra datata 02 ta` Novembru 2011 li*

*permezz taghha avzat lid-diretturi tas-socjeta` Lub Oil Manufacturers Ltd li s-socjeta` kienet naqset milli tirregistra d-dokumenti rilevanti ma` l-istess u ghalhekk kellha tinforma lill-intimat jekk kienitx ghadha qieghda topera (hawn annessa u mmarkata bhala Dok A).*

*Illi fis-16 ta` Novembru 2011, u cioe qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-ligi, Dr. Roberta Fenech Gauci, in rapprezentanza tad-Diretturi tas-socjeta` informat lill-intimat illi s-socjeta` kienet ghadha qed topera (hawn anness u mmarkat bhala Dok B).*

*Illi minkejja dan, l-esponenti rcieva ittra mill-intimat datat 05 ta` Dicembru 2012 li s-socjeta` kienet ser tigi xolta u l-isem tal-istess imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, ai termini tal-Artikolu 325 (2) (hawn annessa u mmarkata bhala Dok C).*

*Illi fis-07 ta` Mejju 2012 l-intimat rega` bghatt ittra ai termini tal-artikolu 325 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta (hawn annessa u mmarkata bhala Dok D) kif ukoll ittra ai termini tal-artikolu 325 (2) fit-12 ta` Lulju 2012 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok E).*

*Illi l-esponenti ghamel diversi tentattivi sabiex jerga` jinforma lir-Registratur li s-socjeta` kienet qed topera u sabiex jitranga dan l-izball amministrattiv (hekk kif jidher mill-korrispondenza annessa f`Dok B).*

*Illi s-socjeta` Lub Oil Manufacturers Co Ltd thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji mizmuma mill-intimat, b`effett mill-31 ta` Ottubru 2012 (hawn anness u mmarkat bhala Dok F).*

*Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat b`tali thassir u ghandu kull interess illi l-istess socjeta` terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi jekk is-socjeta` Lub Oil Manufacturers Co Ltd ma tergax titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti sejjer isofri danni rreparabbli, billi l-assi tal-istess socjeta` sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta` Malta.*

*Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi infatti, ir-rikorrenti ga kkaguna li jkunu preparati l-kontijiet u formoli kollha tas-socjeta` Lub Oil Manufacturers Co Ltd biex l-istess ikunu jistghu jigu rregistrati.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provediment opportun tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta :*

*1. Jerga` idahhal l-isem tas-socjeta` Lub Oil Manufacturers Co Ltd (C9305) fir-registru tal-Kumpanniji sabiex b'hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar ; u*

*2. Jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivi ghal tali inderzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-7 ta` Lulju 2017 u li kienet ikkonfermata bil-gurament mill-Av. Dr. Claudette Fenech.

Ir-risposta taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija Lub Oil Manufacturers Co Ltd (C9305) giet registrata fl-6 ta` Jannar 1988.*

*Illi l-kumpannija in kwistjoni fis-27 ta` Frar 1998 baghtet id-dokumentazzjoni tal-compliance. Talli dokumentazzjoni ntbaghtet lura biex jitrangaw xi zbalji teknici izda din qatt ma ntbaghtet lura ghar-registrazzjoni sal-gurnata tal-lum.*

*Illi ghaldaqstant l-unika nkartament registrat f`din il-kumpannija huwa l-Memorandum and Articles originali li giet registrat bih fl-1988.*

*Illi, di piu, l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini ta` l-Att.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tas-Socjetajiet jissoponi illi l-kumpannija Lub Oil Manufacturers Co. Ltd. ma kienitx topera jew tmexxi negozi ai termini ta` l-Att.*

*Illi in vista tas-suespost, fl-2011 ir-Registratur mexa sabiex japplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 325 billi, baghat il-korrispondenza relevanti lid-diretturi u lill-kumpannija. Fis-sittax ta` Novembru 2011, ir-rapprezentanza legali ta` l-ufficjali tal-kumpannija baghtet oggezzjoni sabiex tali process jitwaqqaf. Ir-Registratur ghamel dan u rega` stenna sena shiha sakemm rega` avza il-kumpannija u l-ufficjali taghha illi sejjer ikompli bil-process sabiex l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jithassar minn fuq ir-Registru. Dan, ghaliex hadd ma ghamel ebda sforz sabiex il-kumpannija titpogga in regola ma` l-Att billi tintbaghat id-dokumentazzjoni nieqsa jew jithallsu l-ammont dovut mill-ufficjali taghha. Ghal snin shah kienu qed jintbaghtu semplici e-mails fejn kienu jghidu illi l-kumpannija kienet ghadha tmexxi negozju u ghalhekk l-esponent suppost kellu jemenda ir-records tieghu. Dan meta hadd mill-kumpannija jew mill-ufficjali taghha ghamel xi sforz biex jittrangaw l-affarijiet tal-kumpannija li tant kienu ilhom pendenti.*

*Illi hija haga stramba illi kumpannija illi kienet fir-realta` qed topera u tmexxi negozju tippretendi illi tibqa` taghmel dan ghal snin shah minghajr ma tiehu hsieb sabiex tirregolarizza ruhha mar-Registratur u wisq aktar importanti mal-ligi. L-ufficjali taghhom harbu mill-obbligi u dmirijiet taghhom ghal snin shah meta ghal darba darbtejn gew avzati mir-Registratur li l-isem tal-kumpannija kien sejjer jigi mhassar minn fuq ir-Registru. Zgur illi r-Registratur ta bizzejjed zmien izda l-kumpannija u l-ufficjali taghha baqghu inadempjenti sal-lum.*

*Illi huwa stramb ukoll kif issa fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent qed jghid illi ihossu aggravat b`thassir ta` l-isem tal-kumpannija u li ghandu kull interess illi s-socjeta` terga` titqieghed fuq ir-Registru. Fir-rikors tieghu ir-rikkorent ammetta li qed jipprova jaghmel li hemm bzonn sabiex jibda jipprepara l-kontijiet u l-formoli li tant ilhom dovuti lir-Registratur ghar-registrazzjoni.*

*Illi b`dispjacir ir-Registratur jissolleva illi d-dirèttur ta` din il-kumpannija m`ghandux track record tajba fejn dak li ghandu x`jaqsam mal-manutenzjoni u ta` sottomissjoni ta` dokumenti. Dan ghaliex ebda kumpannija fejn jinsab direttur ma tinsab in regola ma` l-Att. Illi ghaldaqstant tali sitwazzjoni mhix xi eccezzjoni fil-kaz ta` din il-kumpannija. Tali agir fil-fatt jista` jwassal lir-Registratur illi jokkonsidera jaghmel talba taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 320 ta` l-Att fir-rigward tas-Sur Fenech.*

*Illi, di piu, l-esponent jixtieq jigbed l-attenzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti ghas-subartolu (16) tal-Artikolu 428 ta` l-Att, il-Ministru jista b`ordni fil-gazzetta, jistabilixxi data, wara 31 ta` Dicembru 1998, li fiha kumpannija li tonqos li thares id-disposizzjonijiet ta` subartikolu (4), liema sub-artikolu jirrigwardja s-sottomissjonijiet tad-dokumenti tal-compliance, titqies bhala kumpannija li ma tkunx qieghda topera jew tmexxi negozju ghall-ghanijiet tal-artikolu 325 ta` l-Att.*

*Illi ghaldaqstant il-bidu u l-finalizzazzjoni tal-process kontenut fl-Artikolu 325 ma kienx zball amministrattiv izda r-rizultat dirett tat-traskuragni u negligenza tal-kumpannija u tal-ufficjali taghha.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk dina l-Qorti tkun sodisfatta illi jkun xieraq li l-isem jerga` jidhol fuq ir-Registru ir-Registratur qieghed jaddotta linja illi sakemm jigu sottomessi d-dokumentazzjoni kollha nieqsa u sakemm ihallsu l-penalitajiet kollha dovuti f`zmien predeterminat huwa ma joggezzjonax illi dan isir. L-esponent jixtieq jevita illi d-direttur jerga` jahrab mill-obbligazzjonijiet u dmirijiet tieghu u b`hekk l-esponent jerga` jispicca b`kumpanniji fuq ir-Registru li mhumiex in regola ma` l-Att fuq ir-Registru ghal zmien twil.*

Rat illi propju fl-ewwel dehra tal-kawza u cioe` l-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2007 kien verbalizzat *inter alia* illi :-

*Il-Qorti spjegat lid-difensur tar-rikorrent dak li jehtieg jaghmel lir-rikorrent qabel il-Qorti tikkunsidra t-talbiet tieghu.*

*Dr Micallef hadet kont ta` kollox u tiddikjara li hemm disponibilita` da parti tar-rikorrent illi jirregola l-obbligi li kellha l-kumpannija koncernata qabel thassar l-isem.*

Rat il-verbali tal-udjenzi l-ohra, in partikolari dawk tal-15 ta` Novembru 2018 u tad-29 ta` Novembru 2018. Hemm kien rilevat *inter alia* li fit-termini u ghar-ragunijiet hemm spjegati, l-intimat kien accetta d-dokumenti tal-*compliance* li kienu prezentati sabiex il-kumpannija *de qua* tkun regolata mhux bil-Kap 168 izda bil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2018, kienet infurmata li twettaq kull ma kellu jsir da parti tar-rikorrent sabiex jigu regolarizzati l-affarijiet tal-kumpannija koncernata. Ghalhekk l-intimat ma kienx qed jopponi li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza il-kawza thalliet ghall-provvediment ghal-lum stess.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-Qorti rat l-Art 325 tal-Kap 386 li abbazi tieghu r-rikorrent ressaq l-azzjoni odjerna.

Il-Qorti tifhem ir-ragunijiet tal-intimat li wasslu ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija.

Tifhem ukoll il-kawtela tal-intimat meta jigi biex jesprimi ruhu dwar talba sabiex kumpannija li isimha jkun thassar mir-registru terga` titqieghed fuq ir-registru.

Il-Qorti trid ghalhekk tfittex bilanc.

Fil-kaz tal-lum sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, u cioe` dak ta` l-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2017, ir-rikorrent wera disponibilita` **shiha** li jirregola ruhu.

Fil-fatt, minkejja l-inadempjenzi tieghu u tas-socjeta` in kwistjoni, liema nuqqasijiet wasslu unikament sabiex jithassar l-isem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrent ffinalizza l-pendenzi **kollha** mar-Registratur tal-Kumpanniji fil-mori tal-kawza.

Ippruvata b`mod tangibbli d-disponibilita` tar-rikorrent *to make a fresh start* ir-Registratur tal-Kumpanniji accetta li l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

**Din il-Qorti qieset dak li xpruna lir-rikorrent sabiex jiehu azzjoni, u cioe` l-biza` reali li propjeta` tal-kumpannija tispicca ghand l-Istat ghaliex l-isem tal-kumpannija thassar mir-Registru.**

**Tenut kont tal-mod kif ir-rikorrent impenja ruhu b`assidwita` fil-kors ta` dan il-procediment sabiex igib kollox *in order* u meta tqis li rnexxielu, din il-Qorti tqis ruhha sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Tinsab hekk sodisfatta anke ghaliex il-posizzjoni illum tinsab regolarizzata ghal kollox.**

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-Qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kull ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut.**

**Propju xejn minn dan.**

**Il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija de qua tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Lub Oil Manufacturers Co Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9305 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Lub Oil Manufacturers Co Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9305 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Lub Oil Manufacturers Co Ltd, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9305, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn**

**jghid illi l-isem tal-kumpannija Lub Oil Manufacturers Co Ltd (C9305) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Lub Oil Manufacturers Co Ltd (C9305) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**